## Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## IL-PULIZIJA (SPETTUR CHRISTOPHER FORMOSA) V. GILDAVE BRIGNONE (KI. 17298M)

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**20/06/2023**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

Taħrika ta' Kawża: **PULIŻIJA** Lil: **GILDAVE BRIGNONE (17298M)** Vettura: **EBV117 ISUZU**
Billi int akkużat talli fid-data, ħin u post hawn imsemmi
Data u Ħin: **Nhar id-9/4/2019 ghal habta ta` 10:15hrs**

Post: **Gewwa l-Hamrun** Lokalita': **HAMRUN**

**(1) Uzajt, gieghelt jew hallejt lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq, kemm il-darba, ghall-uzu tal-vettura minnek jew min dik il-persuna l-ohra, skond il-kaz, ma tkunx issehh polza ta` assigurazzjoni dwar ir-riskji ta` terzi persuni** ( Kap 104 Artiklu 3 (1) )

**(2) Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra, minghajr licenza tas-sewqan** ( Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3) )

Il-Prosekuzzjoni titlob li l-imsemmija persuna jigi skwalifikat mill-Licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta` zmien ta` mhux inqas minn tnax-il xahar

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta' PC 1608 Anthony Dimech (affidavit), ta' Stephen Cachia (għal Transport Malta) u tal-imputat innifsu.

Rat l-atti proċesswali.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

*Provi*

1. Jirriżulta mill-affidavit ta' **PC 1608 Anthony Dimech** illi fid-data, ħin u lok indikati fil-komparixxi l-imputat kien qed isuq il-vettura tal-għamla Isuzu bin-numru ta' reġistrazzjoni EBV 117. Mix-xhieda ta' **Stephen Cachia** mogħtija fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2019 rriżulta ukoll illi l-vettura in kwistjoni, Isuzu Box Van ta' kulur abjad, għandha *gross vehicle weight* ta' 5,020 kilogramma u li l-imputat kellu liċenzja tas-sewqan taħt Kategorija B, ossia li jista' jsuq vetturi ta' *gross vehicle weight* li ma tkunx aktar min 3,500 kilogramma.

*Kunsiderazzjonijiet*

2. Skond id-disposizzjonijiet tal-Ewwel Skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18, persuna li jkun irid isuq vettura li l-massa massima awtorizzata tagħha tkun iżjed minn 3,500 kg, iżda ma tkunx iżjed minn 7,500kg, u li tkun maħsuba u mibnija għall-ġarr ta' mhux aktar minn tmien passiġġieri minbarra s-sewwieq, għandu ikollu liċenzja tas-sewqan taħt il-Kategorija C1. Mill-provi rriżulta illi l-imputat kellu liċenzja tas-sewqan fil-Kategorija B li tapplika għall-vetturi bil-mutur b'massa awtorizzata massima ta' mhux iżjed minn tlett elef u ħames mija (3,500) kg u maħsuba u mibnija għall-ġarr ta' mhux aktar minn tmien (8) passiġġieri minbarra s-sewwieq. Għalhekk darba l-imputat ma kellux liċenzja tas-sewqan valida għall-kategorija rikjesta mill-liġi, jiġi illi huwa ma kienx qed isuq b'liċenzja tas-sewqan valida u b'hekk l-ewwel imputazzjoni tirriżulta sodisfaċjentement ippruvata.

3. Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni ossia' dik dwar is-sewqan mingħajr polza tal-assigurazzjoni li tkopri r-riskji tat-terzi hija ormai ġurisprudenza assodata tal-Qorti tal-Appell Kriminali[1] illi s-sewwieq li jkun akkużat bir-reat ravviżat taħt l-Art. 3(1) tal-Kap.

---

[1] Ara fost oħrajn **Il-Pulizija v. Mohamad Knaan** (Appell Numru: 479 / 2022 CSH, 7 ta' Frar 2023) u **Il-Pulizija v. Xemizin McKay** (Appell Numru 423/2022 EG, 24 ta' Mejju 2023),

104 irid jipprova illi huwa kien **<u>personalment</u>** kopert taħt il-polza tal-assigurazzjoni maħruġa għall-użu tal-vettura minnu. Jirriżulta mill-atti illi l-imputat ma ressaq l-ebda provi f'dan ir-rigward u għalhekk din it-tieni imputazzjoni ukoll tirriżulta ppruvata.

**Deċiżjoni**

**Għar-raġunijiet msemmija wara li rat l-artikoli relevanti tal-liġi ossia' l-Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65 u l-Art. 3(1) tal-Kap. 104, il-Qorti ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah iħallas multa komplessiva ta'elfejn u ħames mitt euro (€ 2,500). Fuq talba tal-imputat il-Qorti tawtorizza li l-multa tkun pagabbli f' ħamsa u għoxrin (25) pagamenti mensili ugwali (Kap. 9 Art. 14(2)). B'żieda mal-piena l-Qorti qegħda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Art. 3(2A) tal-Kap. 104 u tal-Art. 15(3) tal-Kap. 65 u tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien tnax-il xahar u tmient ijiem.**

| | |
|---|---|
| **V.G. Axiak** | **Y.M. Pace** |
| **Maġistrat** | **Dep. Reġistratur** |